32006D0588

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Awwissu 2006

li jistabbilixxi l-ammonti li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skont il-modulazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 għas-snin 2006-2012

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 3839)

(2006/588/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/410/KE [2] stabbiliet, b'mod partikulari, l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' tnaqqis fil-ħlasijiet diretti msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-snin 2006-2012, li huma mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-snin bażitarji 2007-2013.

(2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi l-kriterji għat-tqassim tal-ammont li jitnisslu mill-modulazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-istess Artikolu.

(3) L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn direct taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa [3], jistabbilixxi l-prinċipju tal-allokazzjoni għal dawn l-ammonti fost l-Istati Membri billi jintużaw il-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

(4) Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jispeċifika li l-Istat Membru għandu jirċievi tal-anqas 80 % mill-ammonti ġġenerati mill-modulazzjoni fl-istess Stat Membri, filwaqt li l-Artikolu 10(4) tal-istess Regolament jipprovdi li dan il-perċentwal jista' jilħaq sa 90 % għall-Istati Membri bi produzzjoni importanti tas-segala matul il-perjodu 2000-2002.

(5) Abbażi ta' dawn il-kriterji, jeħtieġ li jiġu allokati għall-Istati Membri l-ammont li jitnisslu mill-modulazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2006 għas-snin 2006-2012, filwaqt li jitqies it-tnaqqis ipprovdut fil-paragrafu 2 tal-istess Artikolu.

(6) (Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti),

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 953/2006 (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 1).

[2] 2 ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.

[3] ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 659/2006 (ĠU L 116, 29.4.2006, p. 20).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għas-snin 2006-2012, l-ammonti li jitnisslu mill-modulazzjoni għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skont it-tabella li tidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Ammont li għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri skont il-modulazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-snin 2006-2012

(f'miljuni ta' EUR)

Stat Membru	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Il-Belġju	13,5	17,5	18,0	18,2	18,1	18,1	18,1
Id-Danimarka	24,8	31,2	31,4	31,5	31,5	31,5	31,5
Il-Ġermanja	157,5	199,1	201,3	202,5	201,7	201,7	201,7
Il-Greċja	47,5	59,6	60,1	60,3	56,5	56,5	56,2
Spanja	163,8	206,7	208,5	209,2	201,7	201,7	200,6
Franza	212,6	267,5	269,5	270,6	268,8	268,8	268,8
L-Irlanda	26,8	33,0	33,2	33,2	33,1	33,1	33,1
L-Italja	103,2	130,0	131,3	131,8	125,9	125,9	125,1
Il-Lussemburgu	1,0	1,2	1,2	1,2	1,2	1,2	1,2
L-Olanda	22,0	27,2	27,6	27,7	26,9	26,9	26,8
L-Awstrija	31,4	40,6	41,0	41,2	39,7	39,7	39,5
Il-Portugall	37,1	48,4	48,8	49,0	47,1	47,1	46,9
Il-Finlandja	15,1	19,0	19,2	19,3	18,6	18,6	18,5
L-Iżvezja	19,7	24,3	24,5	24,6	23,9	23,9	23,8
Ir-Renju Unit	108,0	135,7	136,4	136,7	136,3	136,3	136,2